

# il-hajja ta' kristu gesu'

## 12.
## KRISTU TTENTAT MIX-XITAN

**Matt. 4:11; Mark 1:12,13; Luke 4:14**



Ilkoll niftakru l-grajja li sehhet fil-gnien ta' l-Eden fejn l-ewwel mahluqin, ir-ragel u l-mara, Adam u Eva, kienu jghixu f'dinja ta' paci u kwiet. Imma jum wiehed ix-xitan ma hamilhomx jghixu fil-hena u ttanta lil Eva biex tikser il-ligi t'Alla. Qabel dak il-mument ma kienx jezisti d-dnub, imma Eva semghet minn kliem ix-xitan u d-dnub dahal f'qalbha. Minhabba f'hekk id-dnub dahal f'qalb kulhadd u kien ghalhekk li Alla baghat lil Iben Unigentiu tieghu biex isalavana mid-dnub.

Satana kien jaf bil-pjan t'Alla li ried jifdi lill- popli minn dnubiethom permezz ta' Kristu u halef li jaghmel hiltu kollha biex ikisser dan il-pjan. Ried jipprova jittanta lil Kristu.

Wara li tghammed fix-xmara Gordan, Gesu gie mehud mill-ispirtu fid-dezert. Huwa ghex wahdu ghal 40 jum. Satana sab lil Gesu' wahdu u pprova jittentah biex jiftah qalbu ghad-dnub bhalma

darba kien ittanta lil Adam u Eva mijiiet ta' snin qabel biex itellfilhom il-grazzja t'Alla. Imma Gesu' warrbu minn nofs u keccieh.

Meta ghaddew l-erbghin jum, Gesu' hass il-guh  ghaliex hu ma kien kiel xejn u Satana ftakar kif kien ittanta lil Eva, billi hajjarha tiekol mill-frott sabih u hija semghet minnu. Haseb li jekk jimxi hekk ma' Kristu, Gesu' jaqa' fin-nassa. Qallu Satana," Jekk inti l-Iben t'Alla ghamel li dan il-gebel isir hobz."

Izda Gesu' wiegbu," Il-bniedem ma jghix biss bil-hobz izda b'kull kelma li tohrog minn fomm Alla." Gesu' ried jafda f'idejn missieru biex jipprovdilu bhalma Alla kien ghamel ma' Elija fid-dezert. Meta ra li dik it-tentazzjoni ma hallietx frott, allura Satana pprova ohra. Ha lil Gesu' fuq l-aktar parti gholja tat-tempju u qallu" Jekk inti l-Iben t'Alla, intefa' ghal 'isfel ghax hemm miktub li jigu l-angli u ma jhallukx tahbat riglek ma' xi gebla."

Gesu' kien jaf li l-Iskritturi kienu jimpedixxu li wiehed jittana lil Alla b'dan il-mod u wiegeb lit-tentatur: " Mur la titantax lill-Mulej Alla tieghek." Ghaldarba ohra Satana ra l-pjan tieghu ifalli.

Hawn Satana ried jipprova l-ahhar u l-akbar tentazzjoni. Ha lil Gesu' fuq il-quccata ta' muntanja u minn hemm wrieh is-saltniet kollha tad-dinja. "Dawn huma tieghi u jiena naghtihomlok jekk inti tinzel tadurani."  Imma Gesu' induna kemm kien falz Satana ghax kien jaf li x-xitan hu missier il-gidba. Ghalhekk  qallu: " Itlaq minn quddiemi Satana u ftakar x'hemm miktub fl-iskrittura, "Adura biss lil Mulej Alla tieghek.'"

Satana imbaghad halla lil Gesu' wahdu. Il-qalb ta' l-Iben t'Alla kienet qalb pura u nadifa mimlija imhabba lejn Alla. U meta telaq, gew l-angli u bdew jaqduh. Kemm ferhu l-angli li s-Salvatur hareg rebbieh fuq il-hazen.!

Gesu' kien ippruvat bhalma kull bniedem hawn fid-dinja jigi ppruvat; madankollu ma waqax fid-dnub.  Gesu' gie biex jehles lil bniedem marbut bil-ktajjen tad-dnub minn taht il-qawwa tax-xitan minghajr ma ghamel ebda kompromess mal-hazen.

## RIFLESSJONI

IX-XITAN JITTANTA LIL KULHADD. JEKK MA JBIGHIEX ZEWG MILL-EWWEL, IKOMPLI U MA JAQTGHAX QALBU. HEKK GHAMEL MA GESU' U HEKK JAGHMEL MAGHNA.

L-EZEMPJU SABIH TA' GESU' LI L-EWWEL PREFERENZA JAGHTIHA LIL ALLA GHANDHA TKUN IT-TRIQ LI TMEXXINA WAQT IT-TENTAZZJONI.

IL-VOLONTA' TAGHNA GHANDHA NSAHHUHA BIT-TALB U PENITENZA BHALMA MA GHAMEL GESU' META KIEN FID-DEZERT.